# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru, 2018**

**Numru 1**

**Rikors numru: 207/2008 SM**

**Nicholas Baldacchino**

**v.**

**Bureau Veritas (Malta)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat minn Nicholas Baldacchino, fis-27 ta' Frar, 2008, li permezz tieghu nghad:

"1. Illi r-rikorrenti gie ingaggjat mas-socjeta` Bureau Veritas rappreżentata f'Malta minn Bureau Veritas (Malta) f'Jannar tas-sena elf disa' mija u sebgha u sebghin (1977) (Dokument NB 1) fil-kariga ta' '*ship surveyor*' u sakemm irtira fil-31 ta' Dicembru 2005 huwa kien jokkupa l-kariga ta' '*Chief Executive'*.

"2. Illi wahda mill-kundizjonijiet miftiehma f'dan l-ingagg kienet illi meta r-rikorrent jirtira mix-xoghol, il-pensjoni tal-irtirar tieghu kellha tkun tammonta ghal sittin fil-mija (60%) tal-ahhar salarju tieghu fid-data tal-irtirar (Dokument 'NB 2 u Dokument 'NB 3').

"3. Illi sabiex jintlahaq dan il-ghan, il-Bureau Veritas kienet ftehmet mar-rikorrent illi kellu jithallas *premium* kull sena f''*pension fund*' mas-socjeta` assikuratrici Euravie Company Limited ekwivalenti ghal sittax fil-mija (16%) tas-salarju kurrenti tar-rikorrent u dan il-*premium* kellu jithallas in kwantu ghal ghaxra fil-mija (10%) mill-Bureau Veritas (Malta) u in kwantu ghal sitta fil-mija (6%) mir-rikorrent, liema percentagg kien jinqata' direttament mis-salarju tal-esponent (Dokument NB 4).

"4. Illi jirrizulta illi l-Bureau Veritas (Malta) ghal certu numru ta' snin u cioe` mis-sena 1977 sas-sena 1993 kienet regolari f'dan il-hlas izda mis-sena 1993 sal-1 ta' Dicembru 2005 il-*premium* imhallas kien wiehed anqas minn dak li kellu jithallas b'rizultat li r-rikorrent, meta irtira mix-xoghol beda u qieghed jircievi pensjoni mhux kif miftiehma u cioe` ta' sittin fil-mija (60%) ta' l-ahhar salarju tieghu izda ta' tnejn u erbghin punt tnejn fil-mija (42.2%) tal-ahhar salarju tieghu.

"5. Illi l-effett ta' dan kien illi r-rikorrent beda jircievi mill-1 ta' Dicembru 2005 u hekk ghadu sal-lum, is-somma ta' erbatax-il elf seba' mija u hamsa u erbghin Ewro (€14,745) anqas kull sena u ghalhekk ghandu jithallas f'arretrati mill-1 ta' Dicembru 2005 sad-29 ta' Frar 2008 is-somma ta' tlieta u tletin elf mija u sitt au sebghin Ewro (€33,176) u dana skond kif jirrizlta mill-anness propost markat bhala Dokument 'NB 5'.

"6. Illi s-socjeta` intimata giet interpellata biex tottempera ruhha mal-imsemmi ftehim u thallas lir-rikorrent pensjoni ta' sittin fil-mija (60%) tal-ahhar salarju tieghu ammontanti ghal disgha u erbghin elf seba' mija u sebgha u sittin Ewro (€49,767) fis-sena flimkien mal-arretrati dovuti, izda dan sar inutilment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

"Tghid ghalhekk is-socjeta` intimata ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

i. "Tiddikjara illi r-rikorrenti hu intitolat li jippercepixxi pensjoni ekwivalenti ghal sittin fil-mija (60%) tal-ahhar salarju tieghu minn meta irtira minn mas-socjeta` intimata u cioe` pensjoni ta' disgha u erbghin elf seba' mija u sebgha u sittin Ewro (€49,767) fis-sena kif hawn fuq spjegat;

ii. "Konsegwentement tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' tlieta u tletin elf mija u sitta u sebghin Ewro (€33,176) rapprenzentanti arretrati dovuti lir-rikorrent mill-1 ta' Dicembru 2005 sad-29 ta' Frar 2008 skond ma jirrizulta mil-prospett anness u market bhala Dokument 'NB 5', salv ammonti ulterjuri bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju fl-ismijiet '*Nicholas Baldacchino vs Bureau Veritas (Malta)'* datat 12 ta' Lulju 2007 kontra s-socjeta` intimata li hi minn issa stess ingunta ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata ta' Bureau Veritas (Malta), tas-27 ta' Marzu, 2008, li permezz taghha gie eccepit:

1. "Illi mhuwiex minnu illi wahda mill-kondizzjonijiet miftehma mar-rikorrent meta gie ingaggjat mas-socjeta` Bureau Veritas kienet illi meta l-istess rikorrenti jirtira mix-xoghol, gie garantit li l-penzjoni tal-irtirar tieghu kellha tammonta ghal sittin fil-mija (60%) tal-ahhar salarju tieghu fid-data ta' l-irtirar, u dan kif ser jigi ppruvat aktar fid-dettal fil-mori tal-kawza;

2. "Illi kif jidher mill-paragrafu ta' qabel ta' l-ahhar tal-ewwel pagna tad-Dok NB 1 anness mar-rikors odjern, u cioe` l-ittra mibghuta minn Bureau Veritas Franza (fejn gie kkonfermat lir-rikorrent gie ingaggjat bhala "exclusive surveyor" f'Malta) huwa tabilhaqq ddikjarat bic-car mill-istess socjeta` intimata li proprju ma setghetx taghti informazzjoni dettaljata dwar l-iskema tal-penzjoni. Fil-fatt ir-rikorrent gie mitlub fl-istess paragrafu sabiex jaghmel il-proposti dwar l-iskema tal-penzjoi tieghu wara li jasal Malta, sabiex kemm jista' jkun jinghata vantaggi simili ghal dawk tas-surveyor Ingliz;

3. "Illi skond id-Dok NB2 anness mar-rikors odjern, is-suggeriment tal-Bureau Veritas kien li r-rikorrent kellu jfittex hu stess kumpanija ta' assikurazzjoni li toffrilu penzjoni ammontanti ghal madwar sittin fil-mija (60%) tal-ahhar salarju tieghu fid-data tal-irtirar. Pero` fl-ebda hin ma gie garantit mis-socjeta` intimata li r-rikorrent kien ser jircievi proprju dan l-ammont – garanzija li wara kollox qatt ma setghet tinghata stanti li r-rizultat ta' fond privat ta' penzjoni qatt ma jista' jigi garantit – u dan specjalment fid-dawl tal-fatt li s-socjeta` intimata la ppartecipat u l-anqas ma kellha x'taqsam mal-pjan in kwistjoni li kien maghzul mir-rikorrenti stess;

4. "Illi l-uniku obbligu assunt mill-Bureau Veritas kien li jhallas ghaxar parti minn sittax (10/16) tal-kontribuzzjoni annwali ammontanti ghal sittax fil-mija (16%) tas-salarju annwali, liema obbligu gie onorat fl-intier tieghu, u dan kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. "Illi assolutament mhuwiex minnu li r-raguni ghaliex ir-rikorrenti qed jircievi tnejn u erbghin punt tnejn fil-mija (42.2%) minflok sittin fil-mija (60%) tal-ahhar salarju tieghu hija attribwibbli ghal xi nuqqas da parti tal-Bureau Veritas (Malta) u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Wara kollox, kien ir-rikorrenti stess li kellu r-responsabbilta` tat-tmexxija tal-ufficju tal-Bureau Veritas hawn Malta, u kien jispetta lilu sabiex jassikura li l-"premiums" korretti kien qed jithallsu, specjalment fid-dawl tal-fatt li hu kellu l-obbligu li

jhallas il-bilanc ta' sitta minn sittax-il parti (6/16) tal-istess "premiums".

6. "Illi s-socjeta` intimata ghamlitha cara mill-bidu nett (Dok ND 2) li hi mhux ser thallas izjed minn ghaxra minn sittax-il parti (10/16) tal-kontribuzzjoni annwali ammontanti ghal sittax fil-mija (16%) tas-salarju annwali, u li jekk r-rikorrenti ried kundizzjonijiet ahjar ghal penzjoni tieghu, liberament seta, li kieku ried, jawmenta l-kontribuzzjonijiet tieghu. Is-socjeta` intimata qatt ma ffirmat ebda kuntratt ta' penzjoni ma ebda kumpanija, ghaliex kien ir-rikorrenti li ghazel u ffirma ghal pjan priva ta' penzjoni mal-kumpanija ta' assikurazzjoni imsemmija minnu fit-tielet paragrafu tar-rikors odjern, u ghalhekk l-oneru kien tieghu li jassikura li l-beneficcji li kien qed jistenna minn tali pjan kienu verament sa javveraw ruhhom.

"Ghaldaqstant t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra tieghu.

"Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn".

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Novembru, 2013, li permezz taghha ddecidiet il-kawza billi, filwaqt li qieset li l-attur ma rnexxilux jipprova l-kaz tieghu skont il-ligi, konsegwentement laqghet it-twegibiet kollha tas-socjetà konvenuta u ghalhekk irrespingiet it-talbiet tal-attur, bl-ispejjez kontra tieghu.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"10.0. Illi tenut kont tal-pozizzjonijiet kontraposti tal-kontendenti, il-vertenza odjerna ghandha ssib ir-rizoluzzjoni taghha fid-dokument immarkat Dok. NB 2 datat it-8 ta' Dicembru, 1976, li kuntarjament ghal dak sostenut mir-rikorrenti fir-rikors guramentat promotur tieghu dan ma jammontax ghal kuntratt izda jikkostitwixxi biss nota tad-Dipartiment koncernat tas-socjeta` madre tas-socjeta` intimata u hi biss "proposition" – proposta ipprezentata minnha lir-rikorrenti u mhux kuntratt konsolidat kif qisu jsostni r-rikorrenti;

"11. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li f'dak l-istadju tal-ittra tat-8 ta' Dicembru, 1976, indikata fil-paragrafu precedenti, il-kontendenti kienu

ghadhom fi stat ta' trattattivi fejn kienu qed jaqsmu proposti bejniethom fl-istadju precedenti ghal ftehim, li f'dawn ic-cirkostanzi kif fuq esposti, ma jirrizultax li effettivament kien konkluzivament maqbul bejn il-partijiet;

"12. Illi l-uniku obbligu konstatat fir-rigward tas-socjeta` intimata jirrizulta li kien li din qablet li tobbliga ruhha li thallas ghaxar partijiet minn sittax, (10/16), tal-kontribuzzjoni annwali fl-iskema pensjonistika tar-rikorrenti ekwivalenti ghal sittax fil-mija, (16%), tas-salarju tal-istess rikorrenti, liema obbligu jirrizulta debitament onorat;

"13. Illi mill-bqija jirrizulta li l-partijiet kienu ghadhom fi trattattivi li qatt ma gew kristallizzati fi ftehim kontrattwali kif allegat mir-rikorrenti;

"Ikkunsidrat:

"14. Illi di piu`, fl-ittra datata s-27 ta' Jannar, 1977, is-socjeta` intimata kitbet is-segwenti lill-intimat:

> "As concerns the … Pension Scheme … we canot give you any detailed information. After your arrival in Malta it will be up to you, to make your proposals to us and then, we will see to it that you get advantages similar to those of our English Surveyor", (ara fol 4);

"15. Illi ghalhekk ghandu jkun abbundantement assodat li fir-rigward tal-pensjoni tal-intimat, il-partijiet kienu ghadhom fi stat ta' negozjar li allura kien ghad irid jintlahaq ftehim kristallizzat fuqu;

"16. Illi konsegwentement is-socjeta` madre tas-socjeta` intimata issuggeriet lill-intimat biex jiehu r-responsabbilita` isib socjeta` assikuratrici li tkun tista' toffrilu pensjoni ekwivalenti ghal sittin fil-mija, (60%), tal-ahhar salarju tieghu;

"17. Illi ghandu jkun ovvju li dan kien biss suggeriment jew indikazzjoni li fuqha kellu jahdem ir-rikorrenti u mhux kuntratt bejn il-kontendenti li jista' jigi enforzat tramite l-procedura odjerna;

"Ikkunsidrat:

"18. Illi fir-relazzjoni taghha mar-rikorrenti, s-socjeta` intimata dejjem hallset is-sittax fil-mija (16%), tas-salarju tar-rikorrenti u dan, mhux kontestat mir-rikorrenti;

"19. Illi dan jirrizulta wkoll minn nota ta' pagamenti effettwati mis-socjeta` intimata lis-socjeta` assikuratrici, (ara fol 121), u fejn irrizulta li kien hemm xi diskrepanza, din kienet immedjatament rimedjata, (ara fol 110)".

Rat ir-rikors tal-appell ta' Nicholas Baldacchino li permezz tieghu u ghar-ragunijiet hemm imfissra, talab lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fl-ismijiet premessi, tas-27 ta' Novembru, 2013, u dan billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta, takkolji t-talbiet kollha tal-attur appellant, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà konvenuta appellata.

Rat ir-risposta ta' Bureau Veritas (Malta) ghar-rikors tal-appell, li permezz taghha talbet lil din il-Qorti sabiex, filwaqt li ghar-ragunijiet hemm moghtija, tichad l-appell interpost mill-appellant, tikkonferma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi tas-27 ta' Novembru, 2013, fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell u rat li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi din il-kawza titratta talba ghall-hlas ta' zieda fil-hlasijiet tal-pensjoni (minn 42.2% ghal 60% tal-ahhar salarju tal-attur appellant) li jinghad li huma dovuti lill-appellant b'effett mill-1 ta' Dicembru, 2005, data ta' l-

irtirar tieghu minn mas-socjetà konvenuta, 'il quddiem, bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez. Din it-talba hija msejsa fuq il-premessa li, din kienet wahda mill-kundizzjonijiet miftiehma fl-ingagg tieghu mas-socjetà konvenuta appellata. Kwindi l-attur appellant jikkontendi li s-socjetà appellata naqset milli twettaq l-obbligu li kienet assumiet fil-konfront tieghu u li kien jifforma parti integrali mill-kundizzjonijiet tal-impieg tieghu.

Min-naha taghha, s-socjetà konvenuta appellata tikkontendi li hija ma assumiet ebda obbligu li thallas 60% tal-paga li kien qieghed jircievi l-appellant fid-data ta' meta rtira. Hija tishaq li kien jispetta lill-attur li jaghmel l-istharrig tieghu, sabiex jidentifika skema ta' pensjoni sabiex jinghatawlu vantaggi simili bhal ma kellu *surveyor* Ingliz iehor li kellhom maghhom. L-obbligu assunt mis-socjetà appellata jinghad li kien limitat ghall-metodu ta' hlas ta' *premiums,* fis-sens li ssir kontribuzzjoni annwali ta' cifra ekwivalenti ghal 16% tas-salarju annwali tal-attur versu pjan ta' pensjoni, li minnhom is-sehem ta' 10/16 ta' din ic-cifra tithallas mis-socjetà appellata u s-sehem ta' 6/10 tithallas mill-attur appellant. Tishaq li l-obbligu ta' hlas da parti taghha, bl-ebda mod ma kellu jissupera c-cifra ekwivalenti ghas-sehem taghha ta' 10/16 ta' 16% tas-salarju annwali tal-attur, liema obbligu hija tghid li wettqet u ghalhekk m'ghandha taghti lill-appellant xejn aktar.

L-ewwel Qorti ma qisetx li l-attur appellant ipprova l-kaz tieghu u konsegwentement cahdet it-talbiet kollha tieghu, filwaqt li laqghet it-twegibiet tas-socjetà konvenuta.

L-attur hassu aggravat bid-decizjoni tal-ewwel Qorti, u jibda billi jikkoncedi li l-prassi hija li din il-Qorti ma tiddisturbax facilment l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti, sakemm ma jkunx hemm xi zball manifest li jippregudika lil xi parti, u jistqarr li hekk gara f'dan il-kaz. L-appellant jikkontendi li l-ewwel Qorti ghamlet sensiela ta' zbalji u apprezzament ghal kollox skorrett tal-provi quddiemha u tat sentenza kontra kull principju ta' dritt stabbilit. Dan jinghad peress li fil-fehma tal-appellant, apprezzament gust tal-kaz kellu, fil-fehma tieghu jwassal ghall-konvinciment morali li s-socjetà appellata naqset milli tonora l-obbligu kuntrattwali taghha li tiggarantixxi lill-appellant pensjoni ekwivalenti ghal 60 % tas-salarju ahhari tieghu. L-appellant jghaddi biex jislet siltiet mis-sentenza appellata, li fil-fehma tieghu, jinsabu kontradetti bil-provi in atti.

Jibda billi jigi osservat illi, safejn l-aggravju tal-appellant jissejjes fuq l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, bhala regola, din il-Qorti, toqghod hafna fuq l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti, sakemm ma jirrizultax li l-konkluzjoni milhuqa minnha, kunsidrati c-cirkostanzi, mhix wahda ragonevoli. Izda xorta wahda jibqa' l-obbligu li din il-Qorti tezamina mill-gdid il-provi mressqa, sabiex tara jekk sarx xi apprezzament hazin da parti tal-ewwel Qorti. Hekk inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Gunju, 2016, fil-kawza fl-ismijiet **Charles Azzopardi v. P.S. 201 Sandro Magro et,** fejn inghad ukoll:

> *"Ovvjament, "Din il-Qorti pero` f'kull kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif il-fatti inkwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*". (Ara wkoll Attard et v. Direttur tas-Sahha, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014.)

Inoltrè, jinhass opportun li jigi puntwalizzat mill-ewwel li, din il-Qorti hija marbuta li tiddeciedi *juxta allegata et probata.* Wara kollox il-ligi tipprovdi li parti trid tipprova dak li tallega (Artikolu 562 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Artikolu 559 tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili). Kwindi jispetta lill-attur appellant li jipprova sodisfacentement sal-grad mehtieg, dak allegat minnu. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tat-13 ta' Frar, 2001, fil-kawza fl-ismijiet **Nancy Caruana v. Odette Camilleri**).

Inghad ukoll:

> *"... il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka".*

Ara sentenza ta' din il-Qorti, Sede Inferjuri, moghtija fit-12 ta' Jannar, 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Hans J. Link et v. Raymond Mercieca**.

> "Inghad fuq il-materja illi

> *"…fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli. Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni. Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li actore non probante reus absolvitur. Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju. Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha"*.

Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta' Settembru, 2013, u l-gurisprudenza estensiva hemm citata, fil-kawza fl-ismijiet **Chef Choice Limited v. Raymond Galea et**, kif konfermata minn din il-Qorti fis-27 ta' Ottubru, 2017.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, l-appellant jikkontendi li l-ewwel Qorti zbaljat meta kkonkludiet li s-socjetà appellata ma assumiet ebda obbligu li tiggarantixxi lill-appellant pensjoni ekwivalenti ghal 60% tas-salarju tieghu, meta rriteniet li Dok. NB2 datat 8 ta' Dicembru, 1976, ma jammontax ghal kuntratt izda ghal propostaipprezentata lilu; l-appellant isostni li hemm diversi provi in atti li jsostnu li din il-*pension benefit* kienet tifforma parti integrali mir-relazzjoni kuntrattwali li tnisslet bejn il-partijiet.

Jigi nnutat li d-dokument tat-8 ta' Dicembru, 1976, (Dok. NB2) huwa redatt bil-Franciz u huwa ndirizzat li Monsieur Jégou. Meta wiehed jara t-traduzzjoni ta' dan id-dokument, kifipprezentata mill-attur appellant bhala Dok. NB3, fiha jinghad:

> *"**Proposal for pension**…Mr. Baldacchino –Malta*
>
> *"Pension*
>
> *"Due to Mr. Baldacchino is Maltese we cannot register him to the Pension Scheme of the Malakoff Group.*
> *On the other part, we do not have any pension plan at Malta.*
> ***We <u>propose</u> that he will research** in Malta, an Insurance Company that offers him, that at the age of 65 or 60 years**, he <u>may</u> obtain a pension of the order of 60% of his last salary,** it being understood that it will be paid to this Insurance Company, a **contribution of 16% of gross salary annually, broken down 10/16 of the contribution payable by BV, 6/16 payable by Mr. Baldacchino**. **Bureau Veritas, <u>in no case</u>, will exceed their 10/16** but Mr. Baldacchino is free to pay for better conditions"*.
>
> (enfasi u sottolinjar mizjud minn din il-Qorti).

Minn ezami semplici ta' din in-nota, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti ma kellhiex triq ohra ghajr li tikkonkludi li dan id-dokument, fil-verità kien jikkostitwixxi l-proposta tas-socjetà appellata dwar il-materja tal-pensjoni tal-appellant, kif jixhed l-istess titolu tad-dokument in kwistjoni. Anzi din il-Qorti zzid li, jekk il-proposta tas-socjetà konvenuta appellata dwar il-pensjoni, tittiehed bhala riflessjoni tad-diskussjonijiet bejn il-kontendenti fil-kawza fl-instawrar tar-rapport ta' xoghol, inkluz l-iskema ghall-pensjoni, din hija suggetta ghall-kundizzjonijiet kif imfissra ben car fl-istess dokument.

Inoltrè meta wiehed iqis id-dokumenti in atti li gew wara l-istess dokument, senjatament:

(i) l-ittra mahruga mill-attur appellant fit-12 ta' Jannar, 1977, fejn huwa esprima l-intenzjoni tieghu li jinghaqad mas-socjetà konvenuta appellata u dwar l-istess skema ta' pensjoni qal li talab lil xi membri tal-familja sabiex jaghmlu stharrig dwar skema ta' pensjoni;

(ii) dik tas-27 ta' Jannar, 1977, li hija l-ittra li tikkonferma l-impieg tal-attur appellant, bil-kundizzjonijiet relattivi tal-impieg, mahruga mis-socjetà konvenuta appellata, nkluz il-paga u kif jigi terminat l-impieg, fejn jinghad ukoll:

> *"As concerns the …Pension Scheme…we cannot give you any detailed information. After your arrival in Malta it will be up to you to make your proposals to us and then, we will see to it that you get advantages similar to those of our English surveyor".*

(iii) l-ittra tas-socjetà konvenuta appellata tat-18 t'Ottubru, 1977, fejn jinghad:

> *"You remember you must try to find in Malta another insurance company in order to make comparison with Euravie's proposals.";*

(iv) l-ittra tal-attur appellant datata 10 ta' Novembru,1977, fejn wiegeb:

*"…I am unable to find an Insurance Company who can arrange a pension scheme.*
*Therefore I feel that you should go ahead and arrange for me a pension scheme with Euravie".*

(v) l-ittra mahruga mis-socjetà konvenuta appellata datata 18 ta' Jannar 1978, fejn fost affarijiet ohra, dwar l-iskema ta' pensjoni tal-attur appellant, jinghad:

"-*Pension Scheme*
- *Premiums: 16% of his gross yearly salary*
- *10% employer's account*
- *6% employer's account*

*Coming into force: 1st June 1977*
*…We propose that Mr. Baldacchino quarterly will reimburse personal premiums…".*

Meta wiehed jara dawn l-atti, ma jistax jinghad li minnhom jirrizulta dak li jippretendi l-attur appellant. Minn imkien ma jirrizulta l-obbligu vantat mill-appellant, li s-socjetà konvenuta appellata ntrabtet li thallsu bhala pensjoni, 60% tal-ahhar salarju tieghu. Ghalkemm din il-proposta kienet originarjament issemmiet, fil-proposti maghmula lill-appellant, mis-sekwenza tal-fatti kif svolgew jirrizulta li, kien jispetta lill-attur appellant li jiehu hsieb li jsib assikurazzjoni li setghet toffrilu tali kundizzjonijiet. Fin-nuqqas tal-attur appellant li jsib tali skema ta' pensjoni, s-socjetà konvenuta appellata sabet hi stess skema ta' pensjoni, li l-appellant innifsu, permezz tal-ittra tieghu tal-10 ta' Novembru, 1977, taha l-approvazzjoni tieghu sabiex tipprocedi biha.

Kwindi l-obbligu ahhari li ntrabtet bih is-socjetà appellata, kif rizultanti mill-provi, kien fis-sens li: (i) jithallsu *premiums* ta' 16% tas-salarju annwali tal-appellant sabiex titwaqqaf skema ta' pensjoni ghall-attur appellant; (ii) thallas dawn il-*premiums* hija stess, izda kienet responsabbli ghall-hlas tas-sehem taghha ta' 10/16 tal-*premium*; (ii) l-appellant kellu jirrifondi sehmu ta' 6/16 tal-*premium* kull tliet xhur; (iv) sehem is-socjetà appellata fil-hlas tal-*premiums* ma kellux jeccedi l-10/16; (v) kien jispetta lill-appellant li jhallas ghal kull beneficcju ulterjuri. Dawn kienu l-kondizzjonijiet tal-obbligu li ntrabtet bih is-socjetà appellata rizultanti mill-provi mressqa mill-attur appellant. Fin-nuqqas ta' prova cara da parti tal-attur appellant, li ssostni dak pretiz minnu, din il-Qorti ma tara xejn kontradittorju u ma ssib xejn x'ticcensura fil-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Qorti.

Din il-Qorti lanqas ma taqbel mal-appellant sa fejn jinghad minnu li, s-socjetà appellata offrietlu pensjoni ta' 60% tal-ahhar salarju tieghu, sabiex thajru jitlaq l-impieg li kellu, sabiex jinghaqad maghha, u mbaghad cahdet tali obbligu. Mill-korrispondenza li ghaddiet bejn il-kontendenti fil-kawza, jista' jinghad li din il-Qorti tinsab konvinta li l-proposta tas-socjetà appellata, kif rizultanti mid-dokument datat 8 ta' Dicembru, 1976, kienet cara li ghalkemm semmiet is-suggeriment li l-pensjoni tkun ta' 60% tal-ahhar salarju tal-appellant, din l-istess proposta kienet suggetta ghal numru ta' kundizzjonijiet, kif appena

spjegat. Minn qari tal-istess dokument, certament ma jirrizultax li l-beneficcju tal-pensjoni kien garantit fl-ammont, kif pretiz mill-appellant, anzi l-beneficcju tal-pensjoni kien suggett ghal kundizzjoni.

Jekk kemm-il darba l-appellant ma kienx qieghed jaqbel li s-socjeta` appellata tissuggetta l-obbligu taghha ghal massimu ta’ 10/16 ta’ 16%, huwa kellu jaghmel dan car *ab initio,* fis-sens li kien jispetta lilu jassigura li l-kuntratt t’impieg tieghu jirrifletti din il-kundizzjoni daqstant importanti ghalih, qabel ma accetta li jabbanduna l-impieg precedenti li kellu u li ma jaccettax il-proposta t’impieg maghmula lilu jekk din ma kenitx taqbel mal-aspettativi tieghu. Il-pretensjoni tal-appellant li jinghata beneficcju ta’ pensjoni ekwivalenti ghal 60% tal-ahhar salarju tieghu, ma tirrizultax mid-dokumenti bhala obbligu kuntrattwali pattwit bejn il-kontendenti fil-kawza.

Dan iwassal ghal principju iehor importanti applikabbli ghall-kaz in ezami, dak mahsub taht l-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili (Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta), fis-sens li meta l-kliem ta’ konvenzjoni huwa car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni, ghalhekk wiehed m’ghandux jirrikorri ghal kongetturi u dan b’rispett ghall-principju *contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur.* Kif ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-26 ta' Marzu, 2010, fl-ismijiet: **Dr. Raymond Pace nomine v. Salvatore Xuereb et.** fejn inghad ukoll**:**

> *"Dan jinghad b'rispett lejn il-principju illi contra scriptum non scriptum testimonium non fertur. …*
>
> *"Kif sewwa qalet il-Prim Awla fis-sentenza hawn fuq citata d-drittijiet tal-kontraenti jirrizultaw minn dak li hemm miktub fil-kuntratt u mhux minn xi hsieb ta' parti jew ohra mill-kontraenti, u meta dak li hemm fil-kuntratt jirrizulta car mhux lecitu li l-Qorti tapplika r-regoli ta' interpretazzjoni billi dawn huma eccezzjoni ghar-regola enuncjata fl-Artikolu 1002 u cioe` li meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghall-interpretazzjoni".*

Applikat dan il-principju ghall-kaz in ezami, huwa inutili li l-appellant jishaq li s-socjetà appellata kkuntrattat obbligu ta' hlas ta' pensjoni ta' 60% tal-ahhar salarju tieghu meta dan l-obbligu minn qari tad-dokumenti in atti, ma jirrizultax. Kwindi ma hemmx lok li wiehed jipprova jislet obbligu mid-diskussjonijiet li kien hemm bejn il-kontendenti fil-kawza, jew ahjar minn dak li fehem l-appellant. Dan l-istess principju japplika wkoll sa fejn l-appellant jikkontendi li l-ewwel Qorti skartat il-kontenut tal-ittra tat-23 ta' Mejju, 2006, ta' Marc Sibold, Vici President tas-socjetà appellata. Dik l-ittra ma tista' qatt titqies bhala prova ta' obbligu li suppost kien stipulat mis-socjetà appellata favur tieghu tletin sena qabel. Fin-nuqqas ta' prova cara t'obbligu kuntrattwali, fis-sens li jippretendi l-appellant, l-argumenti tal-appellant dwar inadempiment kontrattwali ma jregux.

Wisq anqas jirrizulta ppruvat xi nuqqas da parti tas-socjetà appellata li timmaniggja sew il-fond ta' pensjoni kif jikkontendi l-appellant, jew li kien xi nuqqas tas-socjetà appellata li l-ammont tal-pensjoni spiccat naqset minn 60% ghal 42.2%, jew li kien hemm xi nuqqas da parti tas-socjetà

appellata li twettaq l-obbligi taghha *in buona fede,* kif mitlub minn kull *bonus paterfamilias.* Il-garanzija tal-beneficcju tal-pensjoni, kif imfissra mis-socjetà appellata, giet garantita u tabilhaqq onorata minnha, skont kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti in atti. Kif inghad qabel, l-obbligu li ntrabtet bih is-socjetà appellata kien dak li thallas *premiums* ta' 16% tas-salarju annwali tal-attur appellant, versu skema ta' pensjoni ghalih, li thallas il-*premiums* hija stess, b'dan illi hija kienet responsabbli limitatament ghall-hlas tas-sehem taghha ta' 10/16 tal-*premium*, filwaqt li l-attur kellu jirrifondi sehemu ta' 6/16 tal-*premium* kull tliet xhur. Izda s-sehem tas-socjetà appellata fil-hlas tal-*premiums* ma kellux jeccedi l-10/16.

Is-socjetà appellata esebiet numru ta' dokumenti sabiex issostni d-difiza taghha, li hija hallset kull ma ntrabtet li thallas fil-konfront tal-beneficcju tal-pensjoni tal-appellant, rapprezentanti 16% tas-salarju annwali tal-attur appellant. (Ara dokumenti esebiti bhala Dok. PSG 1 u Dokument 1, Dokument 2, Dokument 3-1 u Dokument 3-2 hemm annessi dwar il-hlas ta' 16% maghmul mis-socjetà appellata, bid-dettalji dwar l-ishma li kellhom jtqassmu bejn il-partijiet, Dok PSG A sa PSG S, kif ukoll ix-xhieda ta' Gabriella Arrabito u ta' Peter Spiteri Gonzi fir-rigward.) L-uniku zball li jirrizulta li kien hemm fil-pagamenti maghmula mis-socjetà appellata, kien dak bejn is-snin 2001 u 2004 (ara Dokument 1 u Dokument 2, peress li t-tnaqqis ma kienx jirrifletti z-zieda fil-paga), izda

dan gie rimedjat mill-istess socjetà appellata, permezz ta' hlas addizzjonali fis-sena 2005. Ma jirrizultax li l-appellant ikkontesta l-pagamenti maghmula mis-socjetà appellata u lanqas ma tressqet ebda prova da parti tieghu, li l-izball tas-socjetà appellata kellha xi effett negattiv fuq il-pensjoni percepita minnu. Kwindi din il-Qorti taqbel mas-socjetà appellata li l-obbligi taghha li tosserva dak li ntrabtet ruhha li taghmel (*pacta sunt servanda*), kif ukoll li twettaq id-doveri taghha b'mod xieraq, kif mistenni minn *bonus paterfamilias,* gew debitament osservati.

Ma giet ippruvata ebda *mala fede* fil-konfront tas-socjetà appellata fil-qadi tad-doveri taghha. Wara kollox kif jipprovdi l-Artikolu 532 tal-Kodici Civili, ghandu dejjem jinghad li wiehed huwa in bona fidi, u min jeccepixxi l-mala fidi ghandu jippruvaha. Din il-Qorti ma tirriskontrax xi nuqqas fl-ezekuzzjoni tad-doveri tas-socjetà appellata versu l-appellant.

Jinghad ukoll li, din il-Qorti ssibha difficli sabiex bl-istess kejl tal-appellant, taccetta li huwa, bhala beneficcjarju tal-iskema ta' pensjoni, qatt ma vverifika l-andament tal-pjan, sabiex jassigura ruhu li l-pjan ta' pensjoni effettivament kien ser jilhaq l-aspettattiva tieghu, sabiex jissalvagwardja l-interessi tieghu. Fin-nuqqas tal-appellant li jaghmel il-verifiki mehtiega dwar l-iskema ta' pensjoni, fl-interess tieghu, u li

jintervjeni fil-waqt opportun, l-appellant m'ghandu ghalfejn jipponta subghajh lejn hadd ghajr lejh innifsu.

Kwindi l-aggravju tal-appellant ma jimmeritax li jintlaqa' u ser jigi michud. Isegwi li l-ilment tal-appellant rigward d-decizjoni tal-ewwel Qorti li l-ispejjez tal-kawza kellhom jigu sopportati minnu, wkoll ma jistax jirnexxi, peress li din id-decizjoni tirrifletti l-provvediment tal-ligi. (Artikolu 223 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attur Nicholas Baldacchino billi tichad l-istess, filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Novembru, 2013, fl-ismijiet premessi fis-shih, bl-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jithallsu mill-attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr